MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1340/2002/1

**GasanMamo Insurace Agency Limited u
din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta
estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet
tal-assikurat taghha Rosemarie Camilleri u b'nota
tas-6 ta' Gunju 2003, is-socjeta Gasanmamo
Insurance
Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok GasanMamo
Insurance Agency Limited u din in rappresentanza
tas-
socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-
drittijiet
tal-assikurat taghha Rosemarie Camilleri.**

**VS**

**Jesmond Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-

socjeta attrici s-somma ta’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm182.80) rappresentanti danni sofferti meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAN 483 fis-26 ta’ Dicembru 2000 gewwa Valley Road, B’Kara habat mal-vettura numru RMC 500 proprjeta’ ta’ Rosemarie Camilleri u ikkaguna danni f’din l-istess vettura, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Ottubru 2001 u tal-parir (Lm15.00)  u ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kif ukoll bl-imgax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gazzetta lokali baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota tas-6 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha s-socjeta GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’l-assikurata taghha Rosemarie Camilleri assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited kif rappresentata.

Ra n-nota guramentata ipprezentata mill-Avukat Dr. Louis Bianchi u dana ghan-nom tas-socjeta attrici, fis-6 ta’ Gunju 2003, li permezz taghha huwa ikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti a fol.2 sa 4 tal-atti processwali konsistenti fid-dikjarazzjoni *front-to-rear*, *survey report* u ritratt tal-vettura ta’ Rosemarie Camilleri.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm182.80), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru 2001 u ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------